MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2008

Avviz Numru. 402/2007

**Gasan Enterprises Limited (C-467)**

**Vs**

**Robert Runza (ID No 307676 M) f'ismu proprju u ghan-nom ta' Retina Telecommunications Company Limited C- 2989**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut proprio et nomine ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u erba' Liri Maltin u disghin centezmu (Lm1704.90) (Euro 3972.42) dovuti mill-konvenut proprio et nomine lis-socjeta' rikorrenti skond hames (5) kambjala li gew iffirmati minnu u li skadew fid-9 ta' Gunju 2007, fid-9 ta' Lulju 2007 u fid-9 ta' Awissu 2007, fid-9 ta' Settembru 2007 u fid- 9 ta' Ottubru 2007 izda baqghu ma thallsux.
Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 16 ta' Ottubru 2007, ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru

3142/2007 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ kull skadenza.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici fil-kawza jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut proprio et nomine naqas u ma deherx la fl-14 ta’ Jannar 2008 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut proprio et nomine fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------